MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 206/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fid-9 ta’ Ottubru 2006 ghal habta tad-9.15pm fil-Furjana:

1. volontarjament kiser il-paci pubblika w il-bon ordni b’ghajjat u glied;

2. bi kliem insulenta u hedded lill-P.C. 99 M. Portelli, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li

jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-essekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija Ezekuttiva waqt li kienu jaqdu d-doveri taghhom;

4. qal fil-pubbliku kliem indecenti w oxxen, liema kliem jikkonsisti f'dagha;

5. kellu f'idejh jew fuqu arma u cioe` bott C.S. Gass minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju, 2007 li tghid hekk:

**"L-akkuzi kontra l-imputat huma ta' natura kontravvenzjonali salv it-tieni akkuza li hija bbazata fuq l-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9.**

**"Ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9 u fin-nuqqas tal-prova tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-imputat ghandu jsegwi li l-akkuzi kontravvenzjonali huma preskritti.**

**"Ibid l-akkuza ibbazata fuq l-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9, jipprovdi difatti dan l-Artikolu fis-subartikolu (z) [1] li l-piena ghar-reat kontemplat taht l-ewwel subartikolu ma tizdiedx meta hija dik stabbilita ghal kontravvenzjonijiet li jidher li hu l-kaz hawnhekk.**

**"Ghaldaqstant diddikjara procediment ezawrit stante li l-akkuzi jinsabu preskritti."**

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fil-25 ta' Mejju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

[1] Dana l-artikolu ma fih ebda subartikolu (z). Jidher li r-referenza kellha tkun ghas-subartikolu (2).

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi – limitatament ghall-kwistjoni tal-preskrizzjoni – u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Settembru 2007; ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-Avukat Generali huma maghmula jikkonsistu filli (**1**) it-tieni imputazzjoni tipotizza r-reat ta’ oltragg lil ufficjal pubbliku, liema reat hu delitt u mhux kontravvenzjoni, fejn allura l-preskrizzjoni hija ta’ sentejn, li zgur ma kienux iddekorrew mid-data li fiha allegatament sehh l-imsemmi reat; u (**2**) fir-rigward tar-reati l-ohra l-ewwel qorti ma tatx l-opportunita` lill-prosekuzzjoni biex tipprova li fil-fatt kien hemm is-sospensjoni tal-periodu preskrittiv peress li Joseph Zahra kien gie notifikat bic-citazzjoni qabel ma ddekorrew it-tlett xhur.

Issa, mill-verbal ta’ l-udjenza tal-15 ta’ Mejju 2007, kif ukoll mid-deposizzjoni moghtija fi stadju ta’ appell minn P.C. 99 Mario Portelli, jirrizulta li waqt li dana l-kuntistabbli kien qed jixhed dwar dak li allegatament gara fid-9 ta’ Ottubru 2006, il-magistrat sedenti waqqfu milli jkompli jiddeponi u l-Qorti Inferjuri ssollevat *ex officio* il-preskrizzjoni trimestrali. Il-verbal, difatti, jghid *inter alia* hekk:

**“F’dan l-istadju l-Qorti qed tissolleva *ex officio* l-preskrizzjoni trimestrali billi jidhrilha li l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat huma illum preskritti. Ukoll billi l-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova tan-notifika fi zmien utili.”**

Bhala fatt jirrizulta li l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Alfred Mallia, talab differiment biex igib prova tan-notifika, izda dik il-Qorti cahdet it-talba ghal differiment ghal dak l-iskop. Fil-mori ta’ l-appell effettivament giet prodotta riferta ta’ notifika tac-citazzjoni li turi li l-appellat Zahra kien gie notifikat, mhux minghajr diffikulta` u fil-fatt wara hmistax-il tentattiv, <u>fit-3 ta’ Jannar 2007</u> (u allura entro t-terminu ta’ tlett xhur mid-data tal-allegat incident).

Jibda bex jinghad li l-ewwel qorti ma kellhiex ragun fir-rigward tar-reat ta’ oltragg kontemplat fl-Artkolu 95 tak-Kodici Kriminali. Dan ir-reat, indipentement mill-piena, huwa delitt, u ghalkemm jista’ jkun suggett f’certi kazijiet

ghall-piena tal-kontravvenzjonijiet, il-preskrizzjoni hija dejjem dik ta' sentejn – ara l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Krminali. Fil-kaz ta' dan ir-reat ma tapplika qatt il-preskrizzjoni kontemplata fil-paragrafu (f) tal-Artikolu 688. L-"ingurji bil-fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet" huma dawk kontemplati fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 252 tal-Kodici Krminali, izda r-reat kontemplat f'dan is-subartikolu huwa totalment separat u distint mir-reat ta' oltragg lil ufficjal pubbliku kontemplat fl-Artikolu 95, anke jekk bhala fatt tali oltragg jista' jkun sar ukoll permezz ta' ingurja maghmula bil-fomm. Ghalhekk, indipendentement mill-kwistjoni ta' notifika tac-citazzjoni, fil-15 ta' Mejju 2007 ma seta' kien hemm ebda kwistjoni ta' dekorriment tal-preskrizzjoni fir-rigward tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghar-reati l-ohra, anke jekk kontravvenzjonali, l-ewwel qorti kienet gustifikata li tqajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni *ex officio*, u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 694 tal-Kodici Krminali. Dak li wiehed irid jistaqsi hu jekk dik il-qorti kinitx gustifikata li ma takkordax differiment biex il-prosekuzzjoni taghmel il-prova tan-notifika. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmilha cara li **r-regola ghandha tkun li l-ufficjal prosekutur ghandu jigi preparat ghall-udjenza, u dan ifisser li ghandu jiehu hsieb li jkollu disponibbli r-riferti kollha neccesarji, sia tax-xhieda u sia tal-imputat jew akkuzat, kif ukoll ir-riferta li turi n-notifika tac-citazzjoni ghall-fini tas-sospensjoni kontemplata fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 687 tal-Kap. 9**. Jekk dawn ir-riferti ma jkunux disponibbli u jekk ma jkunx hemm raguni verament valida ghal tali indisponibbilita` -- u n-nuqqas ta' ko-ordinament bejn id-diversi ghasses, jew distretti jew reparti tal-Korp tal-Pulizija m'ghandhiex bhala regola titqies bhala raguni valida -- il-Qorti tal-Magistrati tkun gustifikata li tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza minghajr ma taghti differiment ghall-produzzjoni tar-riferta li tkun mehtiega bhala prova, u din il-Qorti (ta' l-Appell Kriminali) ukoll m'ghandhiex tammetti l-prova ta' dik ir-riferta (li allura tkun prova gdida – Artikolu 424). Dan qed jinghad mhux biss ghax mhux sew li, minhabba nuqqas ta' preparazzoni da parti tal-prosekuzzjoni, ix-xhieda

joqghodu jingiebu biex jixdhu ghal darb'ohra, izda wkoll ghax hija massima procedurali li jekk parti ma taghmilx il-prova li hija mistennija minnha fiz-zmien li suppost taghmilha, il-qorti ghandha semplicement tqis li dik il-prova ma saritx u tipprocedi fuq dik il-premessa. Naturalment jista' jkun hemm kazijiet fejn il-gustizzja tiddetta mod iehor: hekk, per ezempju, jekk f'kawza hemm il-kwerelant jew il-parti leza li b'xi mod (anke jekk mhux neccessarjament bil-mod indikat fl-Artikolu 410(4)) tkun uriet interess fil-prosegwiment tal-kawza, in-nuqqasijiet tal-pulizija m'ghandhomx jippregudkaw lill-imsemmi kwerelant jew parti leza, u dan anke meta l-kawza tkun teknikament wahda fejn il-prosekuzzjoni tkun qed titmexxa mill-pulizija u mhux mill-parti privata.

Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti sejra, eccezzjonalment, tammetti l-prova tar-riferta, u ghalhekk tqis li l-ewwel qorti messha kkoncediet differiment, ghax, kif jirrizulta mid-deposizzjoni tal-Ispettur Mallia kif ukoll mill-istess riferta, il-kawza kienet originarjament appuntata biex tinstema' quddiem il-Qorti Inferjuri fid-9 ta' Jannar 2007, izda f'dik id-data, minhabba tqassim gdid tax-xoghol fl-Qrati tal-Magistrati, kien ghad ma hemmx Magistrat assenjat biex jisma' din il-kawza. Dan in-nuqqas – certament mhux attribwibbli lill-prosekuzzjoni – jidher li kkontribwixxa mhux ftit ghall-konfuzjoni li inholqot wara, b'tali mod li ghandu jitqies li fil-kaz *de quo* kien hemm raguni valida ghala l-ufficjal prosekutur ma giex armat bir-riferti fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2007. Din il-Qorti taghmilha cara li dan hu kaz verament fuq il-margini ta' bejn dik li hi raguni valida u raguni mhux valida ghala ma kienux disponibbli r-riferti. Jigi nnutat ukoll li kien ikun ferm ahjar, anke biex jigu evitati fi stadju sussegwenti kwistjonijiet dwar verament x'gara u ma garax, li kieku l-ufficjal prosekutur insista – **kif kellu kull dritt li jaghmel** – li t-talba tieghu ghal differiment biex issir il-prova tigi verbalizzata. Il-verbal huwa tal-qorti daqs kemm huwa tal-partijiet, u hlief jekk parti tkun qed tabbuza bil-procedura tal-verbal, qorti ma tkunx gustifikata li tirrifjuta talba biex xi haga li tista' tincidi fuq il-procedura jew anke fuq il-meritu ta' imputazzoni tigi registrata.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u, biex ma tipprivax lill-appellat Joseph Zahra mill-beneficcju tad-dopju ezami, tibghat lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex din tkompli tisma’ l-kawza skond il-ligi. Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-ufficjali prosekuturi kollha jkunu mgharrfa b’dak li hu mistenni minnhom f’dak li jirrigwarda d-disponibbilita` tar-riferti waqt l-udjenzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------